MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 497/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-27 ta’ Mejju 2002 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok NP1;

Illi l-partijiet huma de facto separati mis-sena 2002, l-istess sena taz-zwieg. Dan gara peress li malli zzewgu, l-imsemmija Btissam Jaad reghet telqet lura lejn pajjizha;

Illi dan huwa dispost li jippruvah permezz ta’ xhieda;

Illi minnn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, anke ghax it-tnejn jghixu f’pajjiz differenti minn xulxin;

Illi ma hemm ebda kwistjonijiet ta’ manteniment bejn il-kontendenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew :

1. Illi fl-ewwel lok r-rikorrenti ghandu jiddikjara jekk jafx fejn tinstab l-intimata Btissam Jaad u jekk ghandu xi indirizz taghha;
2. Illi fit-tieni lok l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti kollha;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2002, l-istess sena taz-zwieg meta l-intimata wara iz-zwieg regghet telqet lura lejn pajjizha, huwa ma jafx fejn tinsab, jew fejn tista tigi ikkuntattjata u iddikjara li ma ghandha l-ebda familjari taghha f’Malta;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------